IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.1.2017
COM(2017) 40 final

2017/0014 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tikkostitwixxi rakkomandazzjoni għall-estensjoni ta' kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

Fl-2015, numru ta' Stati Membri tal-UE introduċew mill-ġdid il-kontrolli temporanji fil-fruntieri, wara flussi rekord ta' migranti li waslu fl-Unjoni Ewropea u movimenti sekondarji importanti. Din is-sitwazzjoni kienet tikkostitwixxi theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna f'diversi Stati ta' Schengen[1].

It-theddidiet kienu dovuti għal nuqqasijiet serji f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżgurar ta' kontroll effikaċi fil-fruntieri f'partijiet tal-fruntiera esterna tal-Unjoni, li jpoġġu fir-riskju l-funzjonament taż-żona Schengen kollha kemm hi. Għalhekk, il-Kunsill irrakkomanda[2], fuq proposta tal-Kummissjoni[3], li l-ħames Stati ta' Schengen l-aktar milquta (l-Awstrija, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Iżvezja u n-Norveġja) iżommu kontroll fil-fruntieri temporanji proporzjonati f'numru limitat ta' taqsimiet tal-fruntiera interna tagħhom, għal perjodu ta' sitt xhur.

L-attivazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u l-adozzjoni ta' approċċ koordinat fil-livell tal-UE għal kontrolli temporanji fuq il-fruntieri kienu fost l-inizjattivi previsti tal-Pjan Direzzjonali Lura lejn Schengen[4], bl-għan li jinħolqu l-kundizzjonijiet biex jitneħħew il-kontrolli fuq il-fruntieri interni kollha u nerġgħu lura lejn funzjonament normali taż-żona Schengen mill-aktar fis possibbli.

Fil-11 ta' Novembru 2016, il-Kunsill adotta, fuq proposta tal-Kummissjoni, Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li skont l-Artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen tistabbilixxi rakkomandazzjoni biex jiġu estiżi l-kontrolli temporanji fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju. Ġie kkunsidrat li l-konsegwenzi taċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li wasslu l-attivazzjoni tal-Artikolu 29 għadha tippersisti.

Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet indirizzata lill-istess ħames Stati ta' Schengen (l-Awstrija, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Iżvezja u n-Norveġja), kienet tikkonċerna l-istess taqsimiet tal-fruntiera interna f'dawn l-Istati u ppermettiet li jsiru kontrolli immirati u proporzjonati għal perijodu ulterjuri ta' tliet xhur, jiġifieri sat-12 ta' Frar 2017. Kontroll fuq il-fruntieri introdott mill-ġdid xorta ġie sottomess għal kundizzjonijiet iktar stretti minn dawk skont ir-Rakkomandazzjoni tat-12 ta' Mejju 2016 u obbligu ta' rappurtar dettaljat ta' kull xahar għall-Istati ta' Schengen ikkonċernati[5].

---

1 B'mod kronoloġiku, il-Ġermanja, l-Awstrija, is-Slovenja, l-Ungerija, l-Isvezja, in-Norveġja, id-Danimarka.

2 Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/894 tat-12 ta' Mejju 2016 li tikkostitwixxi rakkomandazzjoni għal kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju (ĠU L 151/8).

3 Proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tikkostitwixxi rakkomandazzjoni għal kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju, COM(2016)275 final tal-4 ta' Mejju 2016.

4 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill tal-4.3.2016, "Lura lejn Schengen – Pjan Direzzjonali", COM(2016) 120 final.

5 Wara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Novembru 2016, il-ħames Stati ta' Schengen ikkonċernati kollha nnotifikaw lill-Kummissjoni li huma kienu se jwettqu l-kontrolli temporanji rakkomandati fil-fruntieri interni.

Skont l-Artikoli 25 u 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, dan il-perjodu jista' jerġa' jiġi mtawwal f'konformità mal-kundizzjonijiet u l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 29 jekk jippersistu ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali.

Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-possibilitajiet addizzjonali disponibbli għall-Istati Membri kollha, inklużi l-ħames Stati Membri affettwati, skont ir-regoli ġenerali għar-rintroduzzjoni temporanja ta' kontroll fuq il-fruntieri interni f'każ ta' theddida serja għall-politika pubblika jew is-sigurtà interna, mhux konnessa ma' nuqqasijiet serji fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Pereżempju, matul il-perijodu ta' applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tat-12 ta' Mejju 2016, Franza, mhux ikkonċernata minn din ir-Rakkomandazzjoni, innotifikat l-introduzzjoni mill-ġdid u ż-żamma sussegwenti ta' kontrolli fil-fruntieri interni tagħha fuq il-bażi tar-raġunijiet relatati ma' avvenimenti prevedibbli u theddid terroristiku[6].

Barra minn hekk, kif inhu rikonoxxut mill-Artikolu 23 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, l-Istati Membri jistgħu jwettqu verifiki tal-pulizija fiż-żoni tal-fruntiera, sakemm dawn ma jkollhomx effett ekwivalenti għal verifiki fil-fruntieri. L-intelligence disponibbli u ż-żieda fil-livell ta' theddid tista' tiġġustifika l-intensifikazzjoni ta' tali verifiki, inkluż fuq netwerks ewlenin tat-trasport flimkien ma' kooperazzjoni transkonfinali bejn il-pulizija, li jista' jkun strumentali biex jirrispondi kemm għal movimenti sekondarji mhux ikkontrallati kif ukoll għat-terroriżmu. Bil-ħsieb li jiġi stabbilit mill-ġdid il-funzjonament normali taż-żona Schengen u l-eliminazzjoni gradwali tal-kontrolli temporanji attwali fil-fruntieri interni, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu użu minn din il-possibilità.

Għandu wkoll jiġi enfasizzat li la t-twettiq ta' verifiki tal-pulizija fiż-żoni tal-fruntiera u lanqas l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri ma jistgħu jipprovdu s-sigurtà sħiħa waħedhom, kif wera l-aħħar attakk terroristiku f'Berlin. Għalhekk tibqa' fundamentali l-kooperazzjoni miżjuda u effettiva fil-livelli kollha ta' servizzi rilevanti bejn l-Istati Membri fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (skambju ta' intelligence, kooperazzjoni tal-pulizija u l-użu ta' databases tal-UE) sabiex tiġi żgurata sigurtà sħiħa fiż-żona Schengen.

Sadattant, ġew implimentati jew qed jiġu implimentati serje ta' miżuri proposti mill-Kummissjoni għal ġestjoni aħjar tal-fruntieri esterni tal-Unjoni u għall-ħarsien taż-żona ta' Schengen[7]. Il-miżuri relatati mal-kontroll fil-fruntieri għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, l-operazzjonalizzazzjoni tat-Timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-istabbiliment ta' hotspots u verifiki sistematiċi tal-bażijiet tad-dejta relevanti tal-persuni kollha li jaqsmu l-fruntiera esterna. Il-fruntieri esterni tal-UE llum huma aktar protetti u mgħammra biex jirreaġixxu għal kriżi ġdida minħabba li għadha kif ġiet stabbilita l-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Il-Kummissjoni se tkompli tikkoopera mill-qrib mal-Aġenzija tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u tiżgura li l-obbligi kollha previsti mir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta jintlaħqu. Dawk il-mizuri għandhom iwasslu għal protezzjoni ħafna aħjar tal-fruntiera esterna tal-UE, li hija rekwiżit

[6] EUR 2016/Tour de France, stat ta' emerġenza wara l-attakk f'Nizza.

[7] Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u l-Kosta (COM(2015)671 final). Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 562/2006 (KE) dwar it-tisħiħ tal-verifiki abbażi ta' bażijiet tad-dejta rilevanti fil-fruntieri esterni, COM(2015) 670 final.

indispensabbli biex jinteħħew il-kontrolli temporanji fil-fruntieri interni li ġew introdotti mill-ġdid, u biex il-funzjonamernt taż-żona ta' Schengen jerġa' lura għan-normal[8].

Il-Kummissjoni hija konxja bis-sħiħ li l-flussi migratorji futuri f'kull taqsima tal-fruntiera tal-UE jistgħu jkunu ta' theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fi Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri. Għal din ir-raġuni, jittieħdu azzjonijiet f'diversi taqsimiet tal-fruntiera fuq il-baħar u fuq l-art biex tittieħed azzjoni kkoordinata, inkluż permezz ta' sforzi addizzjonali fuq ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali[9], permezz tal-Qafas tas-Sħubija, u billi tittieħed azzjoni addizzjonali fit-taqsimiet rilevanti fuq il-fruntieri esterni. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll li tfaċċaw sfidi ġodda għas-sigurtà f'dawn l-aħħar snin, kif intwera dan l-aħħar fl-attakk terroristiku f'Berlin. F'dan ir-rigward, filwaqt li l-qafas legali attwali ma kienx biżżejjed biex jindirizza l-isfidi ffaċċjati s'issa, il-Kummissjoni qed tirrifletti dwar jekk hijiex f'pożizzjoni tajba biżżejjed biex tindirizza l-isfidi tas-sigurtà li qed jevolvu.

Il-Kummissjoni hija impenjata li tkompli taħdem sabiex jiġi żgurat li l-għodod diġà eżistenti jintużaw bis-sħiħ kif ukoll dwar inizjattivi ġodda meħtieġa biex is-sitwazzjoni tiġi stabbilizzata aktar, filwaqt li żżomm quddiem għajnejha l-fatt li l-iżvantaġġi ta' kontrolli fil-fruntieri interni mtawla, jiġifieri l-ispejjeż ekonomiċi u l-ostakoli għall-moviment liberu taċ-ċittadini, għandu jiġi bbilanċjat skont ir-riżultati miksuba minn kontrolli fuq il-fruntieri interni mwettqa s'issa.

Sitwazzjoni attwali

Fuq il-bażi tar-rapporti ta' kull xahar mibgħuta lill-Kummissjoni mill-Istati kkonċernati ta' Schengen u fuq l-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħha, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-kontrolli baqgħu taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni. Il-kontrolli twettqu biss meta kien meħtieġ, huma baqgħu proporzjonati, mmirati, limitati fl-intensità tagħhom u tellfu mill-inqas possibbli l-qsim tal-fruntieri interni rispettivi mill-pubbliku ġenerali.

L-informazzjoni pprovduta mill-Istati ta' Schengen fir-rapporti tagħhom tikkonferma x-xejra li xirfet mir-rapporti taħt ir-Rakkomandazzjoni tat-12 ta' Mejju 2016 (tnaqqis fin-numru ta' persuni li jiġu miċħuda dħul, kif ukoll fin-numru ta' applikazzjonijiet ta'ażil riċevuti) u għalhekk l-stabbilizzazzjoni progressiva tas-sitwazzjoni.

Huwa veru li n-numru ta' wasliet ta' migranti irregolari u persuni li jfittxu l-ażil fl-Unjoni Ewropea ukoll komplew jonqsu matul il-perjodu kopert mir-Rakkomandazzjoni. Madankollu, filwaqt li t-tnedija u l-funzjonament tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-implimentazzjoni kontinwa tad-Dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016 jirrappreżentaw passi ewlenin fil-ġestjoni tas-sitwazzjoni, medja ta' 81 persuna għadhom qed jaslu kuljum fil-gżejjer Griegi.

Barra minn hekk, għad hemm numru sinifikanti ta' migranti irregolari u persuni li jfittxu l-ażil fil-Greċja (bejn 50 000 u 60 000, li minnhom 16 000 jinsabu fuq il-gżejjer). Il-hotspots u l-kampijiet fil-Greċja għadhom iffullati wisq minħabba progress insuffiċjenti fl-ipproċessar, ir-rilokazzjonijiet u r-ritorni u, abbażi tal-esperjenza preċedenti, għad hemm ir-riskju ta' movimenti sekondarji ta' migranti irregolari lejn Stati Membri oħra. Barra minn hekk, is-

[8] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill "Lura lejn Schengen – Pjan Direzzjonali", COM(2016) 120 final.

[9] Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill Ewropew "Dwar ir-Rotta tal-Mediterran Ċentrali", JOIN(2017) 4 final.

sitwazzjoni fil-Balkani tal-Punent għadha fraġli, pereżempju, b'7 000 immigrant attwalment fis-Serbja. Minn dan isegwi li s-sitwazzjoni ġenerali għadha fraġili u għadhom meħtieġa sforzi ulterjuri sabiex ikomplu jitnaqqsu n-numri. Għalhekk għadhom jippersistu l-konsegwenzi migratorji eċċezzjonali taċ-ċirkustanzi li jikkostitwixxu theddida serja għall-ordni pubbliku u s-sigurtà interna u jqiegħdu f'riskju l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen.

It-triq 'il quddiem

Minkejja l-progress sinifikanti li nkiseb, għadhom ma ġewx issodisfati għal kollox il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali "Lura lejn Schengen" li jippermettu t-tneħħija tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni kollha u biex il-funzjonament taż-żona Schengen jerġa' lura għan-normal.

B'mod partikolari, f'dan l-istadju, in-numru ta' immigranti li fadal fil-Greċja jista' jkun sors ta' nkwiet u jista' jiġġustifika ż-żamma ta' miżuri xierqa. Is-sitwazzjoni tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent għadha fraġli u l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-movimenti sekondarji ta' migranti irregolari ġejjin mill-Greċja għadhom esposti għal-livelli ta' riskju relatati mas-servizzi ta' movimenti irregolari.

L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta daħlet fis-seħħ fi żmien rekord u qed tiġi stabbilita b'rata mgħaġġla[10], biex tippermetti l-assistenza lill-Greċja fuq il-fruntiera esterna Griega tat-Tramuntana minn Frar tal-2017. Il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u pajjiżi terzi miexja 'l quddiem ukoll: il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill talba għal mandat ta' negozjar għal ftehim dwar status li għandu jiġi konkluż ma' żewġ pajjiżi terzi ġirien (is-Serbja u l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja). Dan il-proċess tal-istabbiliment tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta huwa kontinwu u jeħtieġ sforzi ulterjuri.

Barra minn hekk, ir-regoli ta' Dublin eżistenti fil-Greċja se jerġgħu jibdew jiġu applikati progressivament biss minn nofs Marzu u huma meħtieġa aktar sforzi biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Greċja f'din is-sistema f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, irrispettivament mix-xogħol li għaddej dwar it-titjib ta' dawn ir-regoli. Barra minn hekk, l-iskemi ta' rilokazzjoni ta' emerġenza li ilhom diġà fis-seħħ minn Settembru 2015 iridu jkomplu jipproduċu riżultati konkreti f'termini ta' numri ta' persuni rilokati. Fl-aħħar, ir-ritorni ta' persuni li ma għandhomx id-dritt ta' soġġorn fl-Unjoni Ewropea jridu jkomplu jiġu intensifikati.

Peress li dawn l-elementi jindikaw il-persistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, il-Kummissjoni tikkunsidra li hija ġġustifikata li tippermetti lill-Awstrija, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Iżvezja u n-Norveġja biex ittawlu l-kontrolli attwali fuq il-fruntieri interni bħala miżura eċċezzjonali għal perjodu proporzjonat ulterjuri. Imsejsa fuq indikaturi abbażi tal-fatti disponibbli f'dan l-istadju, l-estensjoni ma għandhiex taqbeż it-tliet xhur. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem ma' dawk l-Istati Membri biex ineħħu gradwalment il-kontrolli fil-fruntieri interni.

[10] Ara l-Komunikazzjoni dwar l-operazzjonalizzazzjoni tat-Timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta, COM(2017) 42.

Kamp ta' applikazzjoni tal-proposta

Il-ħames Stati Membri li bħalissa qed iwettqu kontrolli temporanji fil-fruntieri interni skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Novembru 2016 għandu jkollhom il-permess li jkomplu jagħmlu dan għal tliet xhur taħt kundizzjonijiet stretti.

Madankollu, meta wieħed iqis l-istabbilizzazzjoni gradwali tas-sitwazzjoni u l-objettiv li jitneħħew gradwalment il-kontrolli fil-fruntieri interni, l-Istati Membri kkonċernati għandhom l-ewwel jikkunsidraw jekk miżuri oħra, b'mod partikolari l-verifiki tal-pulizija qrib il-fruntiera b'mod konformi mal-Artikolu 23 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jistgħux jindirizzaw b'mod suffiċjenti t-theddidiet identifikati[11] u jiġu introdotti verifiki effettivi fuq il-fruntieri fil-fruntieri interni biss bħala miżura aħħarija. Għaldaqstant, l-Istati Membri li jiddeċiedu li jżommu kontrolli fil-fruntieri interni skont din ir-Rakkomandazzjoni għandhom, qabel l-għażla ta' kontinwazzjoni, jeżaminaw kull miżura alternattiva disponibbli ta' kontrolli fuq il-fruntieri. Dawn l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Istati Membri l-oħra, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bir-riżultat ta' dan l-eżami fin-notifika tagħhom dwar iż-żamma ta' kontrolli fil-fruntieri interni għall-Istati Membri l-oħra.

Ir-rekwiżiti skont ir-Rakkomandazzjoni tal-11 ta' Novembru 2016 dwar ir-reviżjoni ta' kull ġimgħa mill-Istati Membri kkonċernati dwar il-ħtieġa, il-frekwenza, il-post u l-ħin tal-kontrolli, aġġustament għall-kontrolli għal-livell tat-theddida indirizzata, u t-tneħħija gradwali tagħhom kull fejn xieraq, jibqgħu fis-seħħ għal din ir-Rakkomandazzjoni. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jibqgħu jikkonsultaw regolarment ukoll mal-Istat(i) Membru(i) relevanti bil-ħsieb li jiżguraw li l-kontrolli fil-fruntieri interni jsiru biss f'dawk il-partijiet tal-fruntiera interna fejn huwa meqjus neċessarju u proporzjonat, skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Se jkompli japplika l-obbligu ta' rrappurtar dettaljat li ġie introdott mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Novembru 2016. Wara kull xahar tal-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri konċernati għandhom jirrapportaw minnufih lill-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-kontrolli mwettqa u fuq il-valutazzjoni fir-rigward tal-ħtieġa kontinwa ta' tali kontrolli, fejn applikabbli. Dan ir-rapport jeħtieġ tal-anqas jinkludi n-numru totali ta' persuni vverifikati, in-numru totali ta' rifjuti ta' dħul wara l-ivverifikar, in-numru totali ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa wara l-verifiki u n-numru totali ta' applikazzjonijiet għall-ażil riċevuti fil-fruntieri interni fejn ikunu saru l-verifiki.

Il-Kummissjoni se tissorvelja mill-qrib l-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni u s-sitwazzjoni eżistenti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din ir-rakkomandazzjoni sservi biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika.

[11] Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-erba' ċifri Rumani żgħar (i) sa (iv) l-Artikolu 23 lit.a tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (ir-Regolament 2016/399) huma biss eżempju, ma humiex xi ħaġa restrittiva li tippeskrivi biss il-miżuri possibbli tal-pulizija tal-Istati Membri f'żona ta' fruntiera (kawża Adil, C-278/12 PPU, punt 65). Din is-sentenza tirrigwarda l-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-prattika li hija limitata għal żoni tal-fruntiera. Fejn il-poteri tal-pulizija huma applikabbli fit-territorju kollu tal-Istat Membru mingħajr distinzjoni, hemm anqas ċans li l-applikazzjoni tagħhom tmur kontra l-projbizzjoni tal-miżuri ekwivalenti għal dawk tal-verifiki fil-fruntieri.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha rabtiet mas-suq intern tal-Unjoni u mal-politika tal-migrazzjoni u tal-asil.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 2016/399 jispeċifika li l-Kunsill għandu jadotta rakkomandazzjoni għal kontroll fil-fruntieri interni abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni.

Hija meħtieġa l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni fejn il-funzjonament ġenerali taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni jitqiegħed f'riskju.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-objettivi segwiti.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet ex post/il-verifiki tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

mhux applikabbli

- **Il-konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati**

Minħabba l-urġenza tal-proposta, konsultazzjoni mal-parti kkonċernata ma kinitx fattibbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-perjodu ta' żmien limitat imsemmi u kont meħud tad-dejta mressqa mill-Istati Membri kkonċernati u dawk disponibbli dwar is-sitwazzjoni fil-Greċja, ma kinitx saret valutazzjoni tal-impatt kompluta.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ġiet ikkunsidrata waqt it-tfassil tal-proposta.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura proposta ma għandha l-ebda effett fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

mhux applikabbli

2017/0014 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li tikkostitwixxi rakkomandazzjoni għall-estensjoni ta' kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)[12], u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-Kunsill adotta fit-12 ta' Mejju 2016, fuq proposta tal-Kummissjoni, Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li tikkostitwixxi Rakkomandazzjoni għal kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju.

(2) Il-Kunsill irrakkomanda li ħames Stati ta' Schengen (l-Awstrija, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Iżvezja u n-Norveġja) iżommu kontroll proporzjonat temporanju fil-fruntieri f'numru limitat ta' taqsimiet tal-fruntieri interni tagħhom għal massimu ta' sitt xhur, biex jindirizzaw it-theddida serja għall-ordni pubblika u għas-sigurtà interna f'dawn l-Istati permezz tal-ikkombinar ta' nuqqasijiet fil-kontroll tal-fruntiera esterna fil-Greċja u l-movimenti sekondarji ta' immigranti irregolari li deħlin mill-Greċja u li beħsiebhom jiċċaqilqu lejn Stati ta' Schengen oħra. Dan il-perjodu ġie estiż mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, għal tliet xhur oħra fil-11 ta' Novembru 2016.

(3) Skont l-Artikoli 25 u 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-perjodu inizjali taż-żmien irrakkomandat mill-Kunsill jista' jkompli jiġi estiż jekk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jippersistu.

(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-11 ta' Novembru 2016 tirrkjedi li l-Istati ta' Schengen ikkonċernati għandhom jirraportaw kull xahar lill-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-kontrolli mwettqa u fuq il-valutazzjoni fir-rigward tal-ħtieġa kontinwa ta' tali kontrolli, fejn applikabbli. Il-Kummissjoni rċeviet rapporti bħal dawn mill-Istati ta' Schengen kollha kkonċernati. L-informazzjoni li tinsab f'dawn ir-rapporti turi li l-kontrolli baqgħu fi ħdan il-kondizzjonijiet stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni. Barra minn hekk, tikkonferma l-istabbilizzazzjoni tas-sitwazzjoni b'mod progressiv f'dawn l-Istati, bi tnaqqis kontinwu fin-numru ta' persuni li lilhom jiġi rrifjutat id-dħul, kif ukoll in-numru ta' applikazzjonijiet għall-ażil riċevuti.

[12] ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

(5) Madankollu, minkejja l-progress, għadhom ma ġewx issodisfati għal kollox il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali "Lura lejn Schengen" li jippermettu t-tneħħija tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni kollha u biex il-funzjonament taż-żona Schengen jerġa' lura għan-normal. Għad baqa' numru importanti ta' immigranti irregolari fil-Greċja u abbażi tax-xejriet osservati fl-imgħoddi, l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-movimenti sekondarji ta' immigranti irregolari ġejjin mill-Greċja għadhom esposti għal-livelli ta' riskju relatati mas-servizzi ta' movimenti irregolari.

(6) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Lura lejn Schengen – Pjan Direzzjonali", il-Kummissjoni identifikat id-diversi politiki li għandhom jiġu implimentati għal Żona Schengen li tiffunzjona bis-sħiħ. L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta issa qed issir operattiva malajr, sabiex din tkun tista' tagħti assistenza lill-Greċja fuq il-fruntiera esterna Griega tat-Tramuntana minn Frar 2017.

(7) Element ieħor identifikat fil-Pjan Direzzjonali "Lura lejn Schengen" hija l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija. Ir-raba' rapport ta' progress[13] jikkonferma x-xejra kostanti ta' riżultati tajbin, għalkemm fil-konfront ta' bosta sfidi. Madankollu, jeħtieġ li din l-implimentazzjoni tiġi ssorveljata b'mod kostanti. L-istess japplika għall-kooperazzjoni miftiehma fid-Dikjarazzjoni tal-laqgħa tal-Mexxejja tar-Rotta tal-Balkani tal-Punent.

(8) Għalhekk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jikkostitwixxu theddida serja għall-ordni pubbliku u s-sigurtà interna u li jpoġġu f'riskju l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen kollha għadhom hemm.

(9) Fid-dawl tal-fatti ta' hawn fuq, jidher għaldaqstant iġġustifikat, bħala l-aħħar miżura, li jingħata permess għal estensjoni oħra tal-kontrolli temporanji fil-fruntieri fil-fruntieri interni kkonċernati mill-Istati ta' Schengen li bħalissa qed iwettqu dawn il-kontrolli, jiġifieri l-Awstrija, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Iżvezja u l-pajjiż assoċjat in-Norveġja, f'konformità mal-Artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

(10) Abbażi tal-indikaturi fattwali disponibbli f'dan l-istadju, jeħtieġ li din l-estensjoni ma teċċedix tliet xhur mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(11) L-Istati Membri li jiddeċiedu li jibqgħu jwettqu kontroll fil-fruntieri interni skont din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jeħtieġu li jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni kif xieraq.

(12) Qabel ma jagħżlu kontrolli bħal dawn, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jeżaminaw jekk setgħux jintużaw miżuri oħra alternattivi ta' kontrolli fuq il-fruntieri bħala rimedju effettiv għat-theddida identifikata, bħal pereżempju l-eżerċizzju tal-poteri tal-pulizija b'mod konformi mal-Artikolu 23 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, u jiddeċiedu li jintroduċu mill-ġdid kontrolli fuq il-fruntieri fil-fruntieri interni kkonċernati biss bħala l-aħħar miżura, meta tali miżuri anqas restrittivi għat-traffiku transkonfinali ma jkunux biżżejjed biex jindirizzaw it-theddidiet identifikati. L-Istati Membri kkonċernati jeħtieġu jinformaw bl-eżitu ta' din ir-riflessjoni u r-raġunijiet għaliex għażlu l-kontrolli fil-fruntieri fin-notifiki tagħhom.

(13) Il-kontrolli taħt din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jeħtieġ li jibqgħu jiġu mwettqa biss sal-limitu meħtieġ, b'mod ristrett fl-intensifikar tagħhom għal minimu assolut meħtieġ u aġġustat għaċ-ċirkostanzi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jista' jiġi previst li kwalunkwe tnaqqis ulterjuri ta' fluss għandu jwassal għas-sospensjoni tal-kontrolli

[13] Ir-Raba' Rapport dwar il-Progress imwettaq fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija (COM(2016) 792).

f’taqsimiet tal-fruntiera. Għandhom jitwettqu biss kontrolli mmirati, abbażi tal-analiżi tar-riskju u l-intelligence aġġornati b’mod kostanti, sabiex jiġu ottimizzati l-benefiċċji tagħhom u jiġu limitati l-effetti negattivi tagħhom fuq il-moviment liberu. L-Istati ta’ Schengen li ġew milquta minn dawn il-kontrolli fit-taqsimiet rilevanti tal-fruntiera għandhom jitħallew jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-ħtieġa tagħhom; l-Istat ta’ Schengen li ddeċieda li jintroduċi mill-ġdid kontrolli bħal dawn għandu jikkunsidra dawk il-fehmiet meta jeżamina u jirrevedi l-ħtieġa ta’ verifiki bħal dawn, bl-għan li jnaqqashom progressivament.

(14) Fl-aħħar ta' kull xahar tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, jeħtieġ li jintbagħat lill-Kummissjoni rapport komplut dwar ir-riżultati tal-verifiki mwettqa, flimkien ma' valutazzjoni tal-bżonn kontinwu tagħhom fejn applikabbli. Dan ir-rapport jeħtieġ jinkludi n-numru totali ta' persuni vverifikati, in-numru totali ta' rifjuti ta' dħul wara l-verifiki, in-numru totali ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa wara l-verifiki u n-numru totali ta' applikazzjonijiet għall-asil riċevuti fil-fruntieri interni fejn ikunu saru l-verifiki.

(15) Il-Kunsill jieħu nota li l-Kummissjoni ħabbret li hija ser tkompli taħdem mal-Istati ta’ Schengen ikkonċernati li jitneħħew gradwalment il-kontrolli fil-fruntieri interni bl-għan li nerġgħu lura lejn funzjonament normali taż-żona Schengen mill-aktar fis possibbli.

(16) Il-Kunsill jieħu nota li l-Kummissjoni ddikjarat li hija ser tissorvelja mill-qrib l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI:

1. L-Awstrija, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Iżvezja u n-Norveġja jestendu l-kontrolli proporzjonali u temporanji fil-fruntieri għal perjodu massimu ta' tliet xhur, li jibda mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, fil-fruntieri interni li ġejjin:

   – l-Awstrija fil-fruntiera fuq l-art bejn l-Awstrija u l-Ungerija u fil-fruntiera fuq l-art bejn l-Awstrija u s-Slovenja;

   – Il-Ġermanja fil-fruntiera fuq l-art bejn il-Ġermanja u l-Awstrija;

   – id-Danimarka fil-portijiet Daniżi b'konnessjonijiet bil-lanċa lejn il-Ġermanja u fil-fruntiera fuq l-art bejn id-Danimarka u l-Ġermanja;

   – l-Iżvezja fil-portijiet Żvediżi fir-Reġjun tal-Pulizija tan-Nofsinhar u tal-Punent u fuq il-pont Öresund;

   – In-Norveġja fil-portijiet Norveġiżi b'konnessjonijiet bil-lanċa lejn id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja.

2. Qabel ma wieħed jiddeċiedi fuq estensjoni ulterjuri ta’ tali kontrolli bbażati fuq din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri kkonċernati jeħtieġu jagħmlu skambju ta' fehmiet mal-Istat(i) Membru/i rilevanti bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-kontrolli fil-fruntieri interni jsiru biss fejn huwa meqjus neċessarju u proporzjonat. Barra minn dan, l-Istati Membri kkonċernati jeħtieġu li jiżguraw li l-kontrolli fil-fruntieri interni huma mwettqa biss bħala miżura aħħarija meta miżuri alternattivi oħra ma jistgħux jiksbu l-istess effett, u biss f'dawk il-partijiet tal-fruntiera interna fejn huwa meqjus neċessarju u proporzjonat, f'konformità mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. L-Istati Membri kkonċernati jeħtieġu li jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra, lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni kif xieraq.

3. Il-kontroll fil-fruntiera jeħtieġ jibqa' immirat, ikun ibbażat fuq analiżi tar-riskju u intelligence aġġornata kontinwament u jkun limitat fl-iskop, fil-frekwenza, fil-post u fil-ħin, għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-indirizzar tat-theddid serju u s-salvagwardja tal-ordni pubbliku u s-sigurtà interna. L-Istat Membru li jwettaq kontrolli fil-fruntieri interni skont din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jeħtieġ li jirrevedi regolarment il-ħtieġa, il-frekwenza, il-post u l-ħin tal-kontrolli, jaġġusta l-intensifikar tal-kontrolli għal-livell tat-theddida indirizzata, filwaqt li jneħħihom b'mod progressiv kull fejn xieraq, u jirrapporta lill-Kummissjoni kull xahar.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President